# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 192/2008

## tad-29 ta' Frar 2008

## li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 989/2007 li jintroduċi ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Barèges-Gavarnie (DPO) – Hořické trubičky (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Instab żball fil-pubblikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 989/2007 ([2]) rigward il-klassi li fiha jaqa' l-prodott kopert bid-denominazzjoni "Barèges-Gavarnie".

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 989/2007 għandu jiġi kkoreġut skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 989/2007, il-punt 1, il-kliem "Klassi 1.3. – Ġobon" għandu jinbidel bil-kliem "Klassi 1.1. – Laħam (u l-ġewwieni) frisk(i)".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 989/2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Frar 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

([2]) ĠU L 219, 24.8.2007, p. 7.